**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 6 t' April, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Michael Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Michael Cassar detentur tal-karta tal-identita' numru 111295(M)

Akkuzat talli fis-17 t' Awwissu, 2014 ghal habta tat-8:00 ta' filghaxija u t-18 t' Awwissu, 2014 gewwa dan il-Gzejjer fl-Imgarr minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Sarah Sammut f' periklu car, hebb ghall-istess Sarah Sammut u kkagunalha offizi ta' natura gravi kif iccertifikat minn Dr Marilyn Baldacchino (3556) mill-Isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Sarah Sammut u r-residenza taghha kif ukoll il-post li tali persuna tiffrekwenta.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 26 ta' Mejju, 2015 (esebita a fol. 96 tal-process fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikoli 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 214, 215, 218(1)(a)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tad-29 ta' Mejju, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat l-ammissjoni registrata mill-imputat waqt l-udjenza tat-23 ta' Lulju 2015 ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Rat il-Pre-Sentencing Report inserit a fol. 105 et sequitur et sequitur tal-atti processwali fejn gie rakkomandat is-segwenti:-

> Fid-dawl tal-informazzjoni migbura ghall-fini ta' dan ir-rapport, qed jigi umilment issuggerit li fil-kaz ta' Michael Cassar tigi esplorata l-possibilta ta' Ordni ta' Supervizjoni annessa ma' Sentenza Sospiza. Dan sabiex minbarra li din is-sentenza sservi ta' deterrent sabiex sitwazzjoni simili ma jergghux jirrepetu ruhhom, l-akkuzat ikun jista' jinghata s-sapport li jkollu bzonn sabiex jibqa' ghaddej fil-hajja biezla li ghandu filwaqt li jinghata l-gwida necessarja sabiex jindirizza l-problemi evidenti ta' mgieba li ghandu. Ghal dan il-ghan, qed jigi ssuggerit ukoll li tinhareg Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Michael Cassar.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reat li tieghu l-imputat qed jinstab hati izda kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u l-eta' tieghu meta kkommetta r-reat (huwa kellu dsatax il-sena) u kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat m' ghadx ghandu kuntatt mal-vittma. Fic-cirkostanzi l-Qorti jidrilha li ghandha taderixxi mar-rakkomandazzjonijiet maghmula mill-Probation Officer fil-Pre-Sentencing Report u dan stante li jidrilha li jkun aktar a beneficcju mhux biss tal-imputat izda anki tas-socjeta' jekk huwa jinghata l-ghajnuna professjonali sabiex jeghleb il-problemi ta' imgieba u rabja li jidher li ghandu sabiex incidenti bhal dak li jifforma l-mertu ta' din il-kawza ma jergghux jirrepetu ruhhom. Il-Qorti sejra ghalhekk timponi piena

karcerarja sospiza fil-massimu b' Ordni ta' Supervizjoni u Ordni ta' Trattament taht il-kura tal-psikologu John Agius.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tas-26 ta' Mejju 2015 u senjatament l-Artikoli 18, 31, 214, 215 u, 218(1)(a)(2) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artiklu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti qed tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Supervizjoni ghall-perjodu ta' sentejn (2) millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u taht id-direzzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Sharlet Tabone Fabri.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Trattament ukoll ghal-perjodu ta' sentejn (2) millum taht il-kura tal-psikologu John Agius u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole u lil Psikologu John Agius.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' tliet mija sebgha u tletin euro u hamsin centezmu (€337.50c) liema

ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’ dan il-kaz.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**
**Deputat Registratur**